# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 13**
**Rikors Guramentat Numru:- 909/2019JVC**

**Rita Delmar (K.I. 101074M)**

**vs**

**Roderick Johann Theuma (K.I. 664082M) u Charlo' Theuma (K.I. 209377M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Rita Delmar (K.I. 101074M) li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti u l-intimati huma kollha ulied John Theuma li miet nhar it-23 t'Awwissu 2018 u dan skont kif jirrizulta

mic-certifikat tal-mewt tieghu (anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi wara li saru r-ricerki testementarja kollha necessarji fir-Registru Pubbliku u fil-Qorti Civili (Sezzjoni urisdizzjoni Volontarja), irrizulta li John Theuma miet intestat (ricerki annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C rispettivament);

3. Illi ghalhekk, u peress li John Theuma kien armel, skont l-artikolu 809 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-werrieta ta' John Theuma huma d-dixxendenti tieghu, u ghalhekk il-partijiet f'din il-kawza;

4. Illi l-eredita' tal-mejjet John Theuma ghadha indiviza u nonostante d-diversi tentattivi tar-rikorrenti sabiex jintlahaq ftehim mal-intimati dwar il-qasma tal-imsemmija eredita', huma baqghu inadempjenti;

5. Illi r-rikorrenti ma tridx li tibqa aktar in komunjoni mal-intimati u trid il-gid formanti parti mill-eredita' tal-imsemmi John Theuma jigi diviz skont il-ligi;

6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti intimati jew min minnhom ghaliex ghar-ragunijiet premess, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti u l-intimati huma l-unici eredi tal-imsemmi John Theuma u ghalhekk tal-propjeta' kompriza fl-istess eredita';
2. Tillikwida, okkorendo bin-nomina' ta' perit nominandi, l-assi ereditarji tal-imsemmi John Theuma ossia l-propjeta' u

d-dejn kompriz f'tali eredita' u d-divizjoni tal-istess f'porzjonijiet il-ligi;

3. Tinnomina Nutar sabiex jabbozza l-att pubbliku ta' divizjoni li jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti;
4. Tordna d-divizjoni tal-eredita' tal-imsemmi John Theuma u l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet ta' gid lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bil-publikazzjoni tal-att pubbliku hekk approvat;
5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippregudika l-kuntratt relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-imsemmi att u jiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-ftuh tas-successjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Roderick Johann Theuma et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici fir-rigward li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-partijiet fil-kawza odjerna bhala l-unici eredi tal-imsemmi John Theuma, li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-istess, u li tordna d-divizjoni ta' tali eredita' u l-assenjazzjoni tal-porzjonjiet ta' gid ta' kull wiehed u wahda mill-partijiet;

2. Illi madankollu, u a tenur tal-fatt li fir-rigward tal-unika proprjeta' immobbli fl-eredita' li jafu biha l-esponenti, l-partijiet diga' iddikjaraw ruhhom, successuri in forza ta' dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva fl-atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette datata 22 ta' Awissu 2019 (liema kopja ta'

tali dikjarazzjoni qed tigi annessa u mmarkata bhala **Dok.A**). Illi l-esponenti, m'ghandhom ebda oggezzjoni illi jekk tezisti propjeta' immobbli ohra, din ghandha ukoll tigi maqsuma bejn il-partijiet skont il-ligi;

3. Illi l-konvenuti esponenti qed jichdu kategorikament li l-attrici ghamlet diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim ghall-qasma tal-eredita' surreferuta' u li l-konvenuti baqghu inadempjenti, u dan hekk kif l-attrici qatt ma ghamlet tali talba jew proposta mal-esponenti, kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi konsegwentement, il-konvenuti qed jecepixxu illi l-kawza odjerna hija intempestiva u ghalhekk m'ghandhomx ikunu responsabbli ghal spejjez u imghax legali;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-attrici, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju akkordat nhar id-9 ta' Settembru 2019, u bl-imghaxijiet kontra l-attrici, li qeghda tigi ngunta minn issa in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, dikjarazzjoni *causa mortis*, ritratti, kopji ta' kambjali, l-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 973/2019JVC fl-ismijiet Rita Delmar -vs- Roderick Johann Theuma et, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta' divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet John Theuma – missier il-kontendenti li gie nieqes fit-23 ta' Awwissu, 2018 (ara certifikat tal-mewt a fol. 4 tal-process). Mir-ricerki testamentarji sigrieti u pubblici pprezentati fl-atti a fol. 5 u 6 tal-process irrizulta li l-mejjet John Theuma m'ghamilx testmenti u ghalhekk billi huwa kien armel ai termini tal-Artikolu 809 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-werrieta tieghu huma wliedu l-kontendenti.

Illi r-rikorrenti Rita Delmar ipprocediet bil-kawza odjerna fejn talbet illi jigi dikjarat illi r-rikorrenti u l-intimati huma l-unici eredi tal-imsemmi John Theuma u ghalhekk tal-proprjeta' kompriza fl-istess eredita'. Talbet ukoll li l-Qorti tillikwida okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, l-assi ereditarji tal-imsemmi John Theuma ossia l-proprjeta' u d-dejn kompriz f'tali eredita' u d-divizjoni tal-istess f'porzjonijiet skont il-ligi. Ir-rikorrenti Rita Delmar talbet ukoll illi jigi nominat Nutar sabiex jabbozza l-att pubbliku ta' divizjoni li jigi approvat minn din l-Qorti u sabiex tordna d-divizjoni tal-eredita' tal-imsemmi John Theuma u l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet ta' gid lil kull wiehed u wahda minhom bil-pubblikazzjoni tal-att pubbliku hekk approvat. Finalment ir-rikorrenti talbet ukoll sabiex tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-imsemmi att u jiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt.

Illi l-intimati fir-risposta guramentata taghhom jaqblu li ghandha ssir mad-divizjoni tal-eredita' ta' missierhom John Theuma. Infatti fl-ewwel eccezzjoni taghhom eccepew illi huma m'ghandhomx oggezzjoni ghat-talbiet attrici fir-rigward li l-Qorti tiddikjara li l-partijiet fil-kawza odjerna huma l-unici eredi tal-imsemmi John Theuma, li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-istess u li tordna d-divizjoni ta' tali eredita' u l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet ta' gid ta' kull wiehed u wahda mill-partijiet. Fit-tieni eccezzjoni sostnew illi dwar l-unika proprjeta' immobbli fl-eredita' li jafu biha, l-partijiet diga' iddikjaraw ruhhom successuri in forza ta' dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva fl-atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette datata 22 ta' Awwissu, 2019 u ddikjaraw illi m'ghandhom l-ebda oggezzjoni illi jekk tezisti proprjeta' mmobbli ohra, din ghandha ukoll tigi maqsuma bejn il-partijiet skont il-ligi. L-intimati fit-tielet eccezzjoni cahdu kategorikament li r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim ghall-qasma tal-eredita' surreferita' u li huma baqghu inadempjenti u li r-rikorrenti qatt ma ghamlet tali talba jew proposta maghhom. Finalment eccepew illi l-kawza odjerna hija ntempestiva u ghalhekk m'ghandhomx ikunu responsabbli ghal spejjez u imghax legali.

Illi kif ben tajjeb issenjalaw l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti pprocediet b'din il-kawza dwar id-divizjoni tal-eredita' tal-mejjet missierhom John Theuma u mhux ukoll dik ta' ommhom Carmela Theuma (li mietet qabel missierhom). Ghalhekk il-Qorti sejra titratta unikament l-eredita' tal-missier li tikkonsisti fil-kwota ta' tlett kwarti (3/4) u mhux ukoll l-eredita' tal-omm. B'danakollu l-Qorti qieghda tissollecita lill-partijiet kollha f'din il-kawza ghal buon sens sabiex bi qbil bejniethom kollha finalment id-divizjoni ssir tas-sehem shih ikkunsidrat li

jekk hemm xi hadd li jista jitlef b'divizjoni spezzettata tal-ishma m'huwa hadd hlief huma stess.

**Assi mmobbli u mobbli in divizjoni:**
**Immobbli in divizjoni:**

Illi mill-atti jirrizulta li l-mejjet John Theuma kien proprjetarju tal-immobbli ossia maisonette bl-arja relattiva tieghu bin-numru ufficjali tlieta u tletin (33), bl-isem 'Tevere' fi Triq is-Sienja, Hal Qormi (ara dikjarazzjoni *causa mortis* a fol. 19 et seq tal-process).

Illi l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jargumentaw illi r-rikorrenti m'ghamlet l-ebda talba ghall-hatra ta' periti esperti u lanqas ma pproduciet rapporti *ex-parte* sabiex tindirizza kwistjoni kardinali dwar it-talba taghha ghall-qsim tal-beni in komuni u cioe' sabiex jigi kkonstatat jekk il-fond imsemmi huwiex wiehed komodament divizibbli. Isostnu li din in-nuqqas ta' prova turi kemm din kienet azzjoni frivola u vessatorja li saret biss bl-intenzjoni dwar l-allegazzjoni tad-deheb. Isostnu li minhabba n-natura tal-kawza u s-sehem li qed jintalab li jigi diviz mill-fond inkwistjoni, peress li skont il-formulazzjoni tat-talbiet attrici hemm is-sehem ta' kwart (1/4) indiviz bejn il-partijiet (li gej mill-wirt tal-omm) li mhuwiex mertu tal-kawza, u li ghalhekk huwa biss is-sehem ta' tlett kwarti (3/4) indiviz bejn il-partijiet li ntalbet id-divizjoni tieghu, m'huwiex komodament possibbli li jsir il-qsim. L-intimati trattaw ukoll l-bejgh bil-licitazzjoni u jsostnu li xorta wahda l-kwota ta' tlett kwarti (3/4) ma tistax tmur ghall-bejgh bil-licitazzjoni billi hemm nuqqas ta' rapport peritali fl-atti dwar valutazzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni u ghalhekk ma jistax tigi kwantifikata l-ewwel offerta fil-bejgh b'licitazzjoni.

Huwa minnu li solitament huwa perit arkitett nominat mill-Qorti li jistabbilixxi jekk fond partikolari huwiex wiehed komodament divizibbli jew le, madanakollu fic-cirkostanzi tal-kaz odjern fejn ma giex nominat wiehed, il-Qorti hija tenuta li tasal ghall-konkluzjonijiet taghha hi. Il-Qorti temmen ukoll illi invista tal-fatt li l-fond mertu tal-kawza odjerna huwa maisonette flimkien mal-arja tieghu m'hijiex daqstant difficli u lanqas hemm il-bzonn ta' espert tekniku sabiex tistabbilixxi jekk il-fond huwiex wiehed divizibbli jew le, dan aktar u aktar fid-dawl li l-Qorti ghandha l-possibilita' li tiehu idea tat-tqassim tieghu mir-ritratti li gew esebiti mir-rikorrenti a fol. 26 et seq tal-process.

Dan premess, huwa car anke kif ikkonfermat mill-intimati nfushom fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li l-fond m'huwiex wiehed komodament divizibbli fi tlett (3) porzjonijiet u ghalhekk l-opzjoni li jifdal huwa li jinbiegh bil-licitazzjoni, dan fid-dawl tal-Artikolu 496 tal-Kodici Civili li jiddisponi li hadd ma' jista' jkun imgieghel jibqa' fil-komunjoni. Dwar l-argument tal-intimati li m'hemmx valur u ghalhekk ma jistax jigi kwantifikat l-ewwel offerta fil-bejgh bil-licitazzjoni, il-Qorti tirrileva li l-valur jista fi kwalunkwe kaz jigi stabbilit fl-atti tal-licitazzjoni billi jigi nominat perit tekniku f'dak l-istadju. Ghalhekk m'hemm l-ebda diffikulta' li jsir il-bejgh bil-licitazzjoni ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tal-kwota ta' tlett (3/4) tal-fond mertu tal-kawza odjerna ossia maisonette bl-arja relattiva tieghu bin-numru ufficjali tlieta u tletin (33), bl-isem 'Tevere' fi Triq is-Sienja, Hal Qormi.

Illi fuq il-bejgh bil-licitazzjoni l-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> '515. (1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.
>
> (2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tieħu.'.

Illi l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Rita Grech et -vs- Giuseppe Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fil-15 ta' Lulju, 1969 dwar il-bejgh bil-licitazzjoni gie dikjarat kif isegwi:

> 'il-licitazzjoni tibqa' rimedju straordinarju u eccezzjonali hafna u konsentita biss meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara, ossija minghajr pregudizzju tal-kondividendi.'.

Fic-cirkustanzi tal-kaz odjern huwa car li l-fond m'huwiex wiehed komodament divizibbli, aktar u aktar fis-sitwazzjoni kif inhuma divizi l-kwoti. Dipiu' l-Qorti tqis li jkun fl-ahjar interess tal-kondividendi kollha li fil-bejgh bil-licitazzjoni tigi awtorizzata il-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

**<u>Mobbli in divizjoni:</u>**

Flus il-bank:

Fil-mori tal-kawza xehdet rapprezentant tal-bank HSBC Bank Malta plc Lorraine Attard (a fol. 60A et seq tal-process) fejn irrizulta li l-mejjet John Theuma kellu kont wiehed biss li nfetah f'Novembru, 2008 u ghadu miftuh sallum bin-numru 054-156450-050. Mill-istatements (fol. 61) li gew esebiti jirrizulta li fid-data tat-13 ta' Marzu, 2019 l-mejjet John Theuma kellu l-ammont ta' sitt elef mija tlieta u erbghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€6,143.51). Mid-data tat-13 ta' Marzu, 2019 dan l-ammont x'aktarx reggha zdied xi ftit u ghalhekk l-ammont kif jirrizulta fid-data tad-divizjoni precizament il-kwota ta' tlett kwarti (3/4) rapprezentanti s-sehem ta' John Theuma ghandu jigi diviz bejn it-tlett (3) partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

Il-Qorti tirrileva li qasmet dan il-kont b'dak il-mod billi huwa car illi bejn John Theuma u martu Carmela Theuma kienet tezisti l-komunjoni tal-akwisti u ghalhekk wara l-mewt ta' Carmela Theuma li wkoll mietet intestata l-mejjet John Theuma barra s-sehem proprja tieghu gie wkoll proprjetarju ta' kwart (1/4) mis-sehem ta' martu Carmela Theuma.

Oggetti tad-dar u deheb:

Illi r-rikorrenti Rita Delmar fl-atti pprezentat numru ta' ritratti sabiex tindika li hemm diversi oggetti neqsin mid-dar matrimonjali ta' John Theuma liema ritratti jinsabu a fol. 26 et seq tal-process. Fir-rigward fl-affidavit taghha a fol. 25 tal-process tghid illi:

'Id-dar tal- mummy u d- daddy kienet dar luzusa u kellha hafna affarijiet li jiswew il- flus u ta valur bhal kristalli u settijiet homor bil-fjuri u fiddet.

Wara li hadt ic-cavetta ricentament u dhalt fid- dar , ritratti u video hadt ukoll, ma sibtx l- affarijiet kif kienu la fiddet, kristalli tat-trolley u settijiet homor bil- fjuri. Barra minn hekk il- biebin tal- karma tas- sodda tal- galarija fejn hemm id- deheb fil- gwardaroba imsakra u l- kamra tas- sodda ta hija Charlo ukoll imsakra.'.

Ir-rikorrenti tghid ukoll illi l-genituri taghha partikolarment ommha kellhom ukoll ammont konsiderevoli ta' deheb li kien ikun go kaxxa tal-landi go gwardarobba u li bhala valur tikwantifika fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000). Fl-istess affidavit tghid illi:

'...Qabel mietet il-mummy kienet ghabbitni b'responsabilita' li d-deheb niehu hsiebu jien u kienet qaltli li d-deheb taghha u tan-nanna kont ha niehdu jien bhala tifla u ta' missieri johduh huti s-subien Charlo u Roderick. Kien hemm ammont kbir ta' deheb ghax barra tal-mummy kien hemm il-wirt tan- nanna. Kont naf x'hemm deheb ghax kont naf x'kellha djamanti suwed, labar u 3 settijiet tan- nanna, brazuletti, tat- tieg u ta l-engagement u eternity u hafna ohrjan. L- ammont kien jitla zgur ghal euro 25,000 u li ghandu valur sentimentali hafna. Id-deheb kollu kienet izzommu go kaxxa tal-landi fil- gwardarobba tal-gallarijia li kienet dejjem imsakra.

Illi wara l- mewt tal- mummy, d-daddy ma rridtx li jinqasam hlif wara mewtu u la xewqa tieghu kienet hekk irispettajta.

> Illi kwazi 6 xhur mil-mewt ta' ommi, missieri marad bid-demensja fejn mar go home private u wara St. Vincent. Hija Roderick kien joqghod fid- dar. Fost l- ohrajn Roderick kien isakkar barra u gie ix-xoghol tieghi u ha l- spare keys tieghi u ghamilt fuq 7 snin bla cavetta. Roderick kien l- ahhar persuna li kien joqghod u telaq mid- dar.'.

Illi r-rikorrenti Rita Delmar resqet bhala xhud lil Josephine Saliba (fol. 98) sabiex tipprova li fid-dar kien hemm diversi oggetti konsistenti f'antikitajiet u l-mejta Carmela Theuma kellha diversi deheb billi kienet wirtet u anke kienet xtrat minghandha. L-intimati da parti taghhom ressqu bhala xhud lil Connie Saliba (fol. 166B) sabiex tikkontraddixxi dak li ssostni r-rikorrenti. Infatti din ix-xhud tghid illi fid-dar matrimonjali qatt ma rat fided, kristalli u settijiet homor bil-fjuri u qatt ma rat lil Carmela Theuma liebsa deheb, djamanti, labar u/jew brazzuletti jew oggetti ohra ta' valur. Fir-rigward id-deheb pero' bejn il-partijiet hemm qbil li kienet tezisti kaxxa tal-landa ghalkemm l-intimati jghidu li qatt ma raw din il-kaxxa. Il-Qorti hija rinfacjata b'sitwazzjoni fejn kulhadd jichad li ma jafx fejn jinsabu l-oggetti neqsin u d-deheb appartenenti lill-genituri.  L-intimat Roderick Theuma ma jichadx li huwa kien l-ahhar wiehed li kien jghix fid-dar pero' jsostni li huwa ma sab l-ebda deheb u ma ttiehed xejn mid-dar. Isostni li d-dar tal-genituri tieghu ma kienx xi wahda li kien fiha hafna rikkezzi kif deskritt mir-rikorrenti.

Illi sfortunatament fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni ta' divizjoni ta' oggetti li ma nstabux. Ghalkemm il-Qorti ghandha l-opinjoni taghha u tqis li l-oggetti u d-deheb certament ittiehdu minn wahda mill-partijiet li kellha access ghal fond jew mill-missier qabel mill-mewt billi dawn ma setghux rabbew is-saqaj, u lanqas jirrizulta li kien hemm xi sgass, ma tistax

tipponta subbajha gjaladarba fl-atti provi ma tressqux fejn jinsabu dawn l-oggetti u minn min ittiehdu. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tistieden lil dik il-parti li jista' jkun ghad ghandha dawn l-oggetti sabiex tirritornhom fil-lok li kienu biex b'hekk tkun tista' issir divizjoni bonarja bejniethom it-tlieta (3) u l-kwistjonijiet li jezistu bejn l-ahwa jigu pacifikament solvuti.

Dwar l-oggetti mobbli li jifdal u li jinsabu fid-dar bin-numru ufficjali tlieta u tletin (33), bl-isem 'Tevere' fi Triq is-Sienja, Hal Qormi li whud minnhom jidhru fir-ritratti a fol. 26 et seq tal-process. Il-Qorti tinnota li wkoll dwar il-valur ta' dawn l-oggetti mobbli fl-atti ma tressqu l-ebda provi u ghalhekk il-Qorti hija fl-impossibilita' li taqsam dawn l-oggetti l-ewwel fi kwota ta' tlett kwarti (3/4) rapprezentanti sehem il-missier John Theuma u kwart (1/4) rapprezentanti sehem l-omm Carmela Theuma, u mbaghad il-kwota ta' tlett kwarti (3/4) terga tigi diviza fi tlett (3) porzjonijiet. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti sejra tinnomina l-irkantatur Eleno Mamo ta' Eleno Mamo Auctioneer & Valuer sabiex jaghti valur lil kull oggett misjub fil-fond indikat f'Hal Qormi u fl-eventwalita' li wara li jsir il-valur tal-oggetti, ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet kif ghandhom jigu spartiti dawn l-oggetti, fil-kwoti ndikati, l-Qorti qieghda minn issa tawtorizza li l-oggetti fil-kwota ta' tlett kwarti (3/4) jigu rkantati mill-istess Eleno Mamo bir-rikavat jinqasam fi kwota ta' terz (1/3) lir-rikorrenti Rita Delmar, terz (1/3) lill-intimat Roderick Johann Theuma u terz (1/3) lill-intimat Charlo Theuma u dan minn sehem missierhom John Theuma.

Fir-rigward is-sehem tal-omm, kif inghad precedentement, gjaladarba l-kawza ma saritx ukoll ghad-divizjoni tas-sehem taghha jekk ma jsirx ftehim bonarju bejn il-partijiet li ghandu

jinqasam kollox is-sehem taghha jibqa fi stat indiviz bejn il-partijiet.

<u>Karozza Mazda RX7 Limited Edition tas-sena 1998:</u>

Illi fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1218/2019 fl-ismijiet Rita Delmar -vs- Roderick Johann Theuma et u r-revoka ta' l-istess mandat ta' sekwestru bin-numru 973/2019JVC qamet il-kwistjoni dwar ta' min hi l-vettura tal-ghamla Mazda RX7 Limited Edition tas-sena 1998. L-intimat Charlo Theuma fl-affidavit tieghu a fol. 120 et seq tal-process jghid:

> '1. Nghid illi, a kuntrarju ta' dak allegat minn ohti Rita Delmar, jien kont personalment u f'ismi xtrajt il-vettura tat-tip Mazda RX7 Limited Edition maghmula fis-sena 1998 bin-numru ta' registrazzjoni MRX 077 minghand Montebello Group li jinsab f'Bir id-Deheb, iz-Zejtun ghas-somma shiha ta' Lm9,500.
>
> 2. Nghid ukoll illi l-hlas ghal din il-vettura fuq imsemmija sar parti b'kambjali u parti l-ohra permezz ta' self (loan) minghand il-bank HSBC Malta PLC, biz-zewg modi ta' pagament jinhargu f'ismi personali. Nghid illi a kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti ohti, jien nista' nikkonferma l-prezz u l-metodu ta' hlas ghaliex naf personalment u ghaliex innegozjajt u hallast ghall-vettura jien personalment.
>
> 3. Nispjega wkoll illi ghalkemm il-vettura msemmija hi tieghi, il-licenzja u l-polza tal-assikurazzjoni tal-istess vettura kienet tghajjat lill-missieri John Theuma hi ghas-semplici raguni illi fil-mument li xtrajt il-vettura missieri

kellu madwar 56 sena u ghaldaqstant il-porza tal-assikurazzjoni kienet tkun irhas minhabba l-eta' tieghu.

4. Inzid nghid illi prova ohra ta' kemm il-vettura xtrajtha jien u mhux missieri, illi fiz-zmien meta nxtrat il-vettura missieri ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja li jixtri l-vettura ghall-imsemmi prezzi u dana peress illi ma kienx jahdem. Nghid illi missieri kellu vettura wahda, u din kienet Peugeot 403 maghmula fis-snin sittin (1960s) tant illi l-gear lever kien hdejn l-isteering wheel.

6. Nghid ukoll illi tant kemm il-vettura hi tieghi, illi darba kont involut f'incident tat-traffiku meta kont hbatt bl-istess vettura waqt li kont qed insuqha jien minhabba diesel fl-art fi triq ta' Burmarrad, quddiem Piscopo Gardens.'.

L-intimat Charlo Theuma fl-atti pprezenta wkoll kopji tal-kambjali mahruga fl-ismu li permezz taghhom xtara l-imsemmija vettura tal-ghamla Mazda RX7 Limited Edition a fol. 154 et seq tal-process. Illi l-Qorti wara li rat id-deposizzjoni tal-intimat u l-kambjali li huma mahruga fuq isem Charlo Theuma tqis li effettivament din il-vettura ma tiffurmax parti mill-assi in divizjoni pero' hija proprjeta' tal-intimat Charlo Theuma.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w' tiddeciedi din l-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti Rita Delmar u l-intimati Roderick Johann Theuma u Charlo Theuma huma l-unici eredi tal-mejjet missierhom John Theuma u ghalhekk tal-propjeta' kompriza fl-istess eredita';

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmi John Theuma f'dawk indikati fis-sezzjoni '**<u>Assi mmobbli u mobbli in divizjoni:</u>**' u fir-rigward l-immobbli li rrizulta li m'huwiex wiehed komodament divizibbli qieghda tinnomina lill-Perit Valerio Schembri a spejjez ugwalment bejn il-partijiet sabiex jivvaluta l-fond bin-numru ufficjali tlieta u tletin (33), bl-isem 'Tevere' fi Triq is-Sienja, Hal Qormi u konsegwentement tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-kwota ta' tlett kwarti (3/4) tal-fond imsemmi u qieghda tawtorizza l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei. Imbaghad fir-rigward l-mobbli li jifdal fil-fond bin-numru ufficjali tlieta u tletin (33), bl-isem 'Tevere' fi Triq is-Sienja, Hal Qormi tinnomina l-irkantatur Eleno Mamo ta' Eleno Mamo Auctioneer & Valuer sabiex jaghti valur lil kull oggett misjub fil-fond indikat f'Hal Qormi u fl-eventwalita' li wara li jsir il-valur tal-oggetti ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet kif ghandhom jigu spartiti dawn l-oggetti, fil-kwoti ndikati, l-Qorti qieghda minn issa tawtorizza li l-oggetti fil-kwota ta' tlett kwarti (3/4) jigu rkantati mill-istess Eleno Mamo bir-rikavat jinqasam fi kwota ta' terz (1/3) lir-rikorrenti Rita Delmar, terz (1/3) lill-intimat Roderick Johann Theuma u terz (1/3) lill-intimat Charlo Theuma. Il-bqija tal-oggetti rimanenti konsistenti fil-1/4 tal-omm jibqa' indiviz bejn il-partijiet sakemm ma jiftehemux bejniethom mod iehor.

4. Tichad it-tielet talba billi m'hemmx bzonn li jigi nominat Nutar sabiex jabbozza l-att pubbliku ta' divizjoni;

5. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tordna d-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-eredita' tal-imsemmi John Theuma bil-mod kif indikat fis-sezzjoni '**Assi mmobbli u mobbli in divizjoni:**' u tichadha f'dik il-parti relatata mal-publikazzjoni tal-att pubbliku billi fic-cirkostanzi tal-kaz m'hemmx bzonn ta' l-ebda pubblikazzjoni ta' att pubbliku;

6. Tichad il-hames talba billi m'hemmx bzonn in-nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq att pubbliku.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-partijiet kollha fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed u wahda minnhom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2024**